MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2008

Numru. 182/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

vs

**Francesco Camilleri ta’ 23 sena bin Alexander u Spiridiona nee` Scicluna imwieled Pieta`, fis-16 ta’ Gunju, 1984 residenti fi 23, “Il-Merill”, Triq il-Batterija, Birzebbuga, u detentur tal-kart ta’ l-identita’ bin-numru 297084(M).**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Francesco Camilleri cioe` li gie akkuzat talli fit-18 ta’ Jannar 2008, u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda, iffalsifika jew biddel

minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew xjentement, ghamel uzu ta' diversi ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

kif ukoll fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe` optical diskettes konsistenti f'DVDs;

u aktar fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi ghal qligh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offrra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awturli jkollha persuna ohra protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Ikkonsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni mghamulha mill-imputat u fid-dawl tal-provi quddiemha l-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tiehu in-konsiderazzjoni l-fedina penali nadifa, l-ammissjoni bikrija tieghu kif ukoll il-fatt illi huwa ikkolabora bis-shih mal-pulizija fil-kors ta' l-investigazzjonijiet taghhom.

Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi wara li rat l-artikoli 18, 298 (1)(a)(f), 298B tal-Kapitolu 9 tal-

Ligijiet ta' Malta, issibu hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 46 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tillibera lill-hati bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mill-lum.

Il-Qorti qieghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul l-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Il-Qorti tordna l-konfiska tad-dokument AG3, esebiti formalment fis-seduta tal-lum u tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiehu hsieb id-distruzzjoni ta' l-istess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------